MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2014

Appell Kriminali Numru. 511/2010

Appell Numru: 511/2010

Il-Pulizija

Vs

Paul Spagnol

Illum 8 ta' Mejju, 2014,

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Akkuzat talli b'diversi atti wkoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti li gew maghmulin b'resoluzzjoni wahda u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u cioe':

1. Talli f'Tas-Sliema, fil-lejl ta' bejn it-22 u t-23 ta' Mejju 2005 ikkommetta serq ta' diversi oggetti mill-fond numru 177 sitwat fi Triq Sant'Enriku, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur li jacceddi l-elf lira Maltin (Lm1000), lok u hin, u li sar ghad-detriment ta' Michele Parnis;

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi fuq imsemmija, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq kwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' hsara fil-bibien u aperturi tar-residenza 177 sitwata fi Triq Sant'Enriku Tas-Sliema, liema hsara tammonta ghal aktar minn hamsin lira Maltin (Lm50) izda ma taccediex il-hames mitt lira Maltin (Lm500) u li saret ghad-detriment tal-imsemmija Michele Parnis;

3. Talli f'Hal-Ghaxaq, nhar it-30 ta' Novembru 2005 ikkommetta serq ta' diversi oggetti mill-fond 'Dar il-Frott' sitwat fi Triq it-Telleritu, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur li jaccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000), lok u hin li sar ghad-detirment ta' Vincent Galea;

4. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi immedjatament hawn fuq imsemmija, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq kwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' hsara fil-bibien u aperturi tal-fond 'Dar il-Frott' sitwat fi Tirq it-Telleritu Ghaxaq, liema hsara tammonta ghal aktar minn hamsin lira Maltin (Lm50) izda ma taccediex il-hames mitt lira Maltin (Lm500) u li saret ghad-detriment ta' l-imsemmi Vincent Galea;

5. Talli fil-Gzira, nhar id-19 ta' Dicembru 2005 ikkommetta serq ta' diversi oggetti mill-fond 'Sagra Familja' sitwat fi Triq Tas-Sliema, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur li jaccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000), lok u hin li sar ghad-detirment ta' Silvio Gruppetta u/jew il-kumpanija Macro Media;

6. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi immedjatament hawn fuq imsemmija, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq kwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' hsara fil-bibien u aperturi tal-fond 'Sagra Familja' sitwat fi Triq Tas-Sliema, Gzira, liema hsara tammonta ghal aktar minn hamsin lira Maltin (Lm50) izda ma taccediex il-hames mitt lira Maltin (Lm500) u li saret ghad-detriment ta' l-imsemmi Silvio Gruppetta u/jew il-kumpanija Macro Media;

7. Talli f'San Pawl il-Bahar, nhar il-14 ta' Jannar 2006 ikkommetta serq ta' diversi oggetti mill-fond numru 446 sitwat fi Triq San Pawl, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur li jaccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000), lok u hin li sar ghad-detirment ta' Paul Deguara;

8. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi immedjatament hawn fuq imsemmija, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq kwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' hsara fil-bibien u aperturi tal-fond n numru 446 sitwat fi Triq San Pawl, liema hsara tammonta ghal aktar minn hamsin lira Maltin (Lm50) izda ma taccediex il-hames mitt lira Maltin (Lm500) u li saret ghad-detriment ta' l-imsemmi Paul Deguara;

9. Talli nhar id-29 ta' Marzu 2006 u fix-xhur ta' qabel din id-data fl-Imsida u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer xjentemnet laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod iehor li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

10. Talli nhar id-29 ta' Marzu 2006 u fix-xhur ta' qabel din id-data, fl-Imsida u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, garr jew zamm armi tan-nar u munizzjon minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

11. Talli sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibduda;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta' Novembru, 2010 fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 18, 261(b)(c)(e)(f), 263, 267, 269, 270, 278, 279, 325, 533, 344, 49, 503 tal-Kap 9 u 3 u 19 tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat hati u ikkundannatu ghal terminu ta' prigunerija ta' hames (5) snin ordnat il-konfiska u d-distruzzjoni tal-armi u munizzjoni esebiti. Inoltre, ai termini tal-artikolu 533 ordnat lill-imputat ihallas l-ispejjez tal-esperti inkorsi fl-inkjesti ir-relazzjonijiet ta' liema huma annessi f'dan il-process u dan fi zmien sena.

Rat ir-rikors tal-appellanti Paul Spagnol pprezentat fit-30 ta' Novembru, 2012 fejn talab lil din il-Qorti sabiex:

> Tilqa` l-appell, billi tirriforma s-sentenza appellate, billi filwaqt li tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellant hati ta' l-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu, tvarja l-piena inflitta billi tinponi piena aktar ekwa u gusta ghall-kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti, huma s-segwenti w cioe':-

Illi fl-ewwel lok jigi rilevat li dan huwa appell limitat ghal piena, u dan stante li l-appellanti ammetta l-involviment tieghu fis-erqiet in kwistjoni, sa mill-istadju ta' l-interrogazzjoni. Illi b'referenza ghal piena inflitta, l-Ewwel Onorabbli Qorti l-appellanti umilment jirrileva li fil-kaz odjern, il-piena inflitta mill-Ewwel Qorti ma tohloqx il-bilanc mehtieg bejn l-aspett retributtiv u l-aspett riformattiv tant accennat fis-zminijiet ta' llum. Dan il-

fattur huwa partikolarment ta' importanza ghal-kaz odjern, u dan in vista tal-fatt tal-kooperazzjoni assoluta li l-esponent ta' , sa mill-bidu ta' l-interogazzjoni teighu. Effettivament l-appellanti indika wkoll terzi persuni, li wasslu sabiex il-pulizija tinvestiga dawn il-persuni, fuq l-informazzjoni moghtija mill-istess appellanti.

B' referneza ghal dan l-aggravju, l-appellanti umilment jghamel referenza ghas-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali, datata 25 ta' April, 2006, per Onor. Imhallef David Scicluna, fl-ismijiet; Il-Pulizija vs John Farrugia, fejn piena ta' prigunerija ta' sentejn u nofs inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti, giet revokata ghal ordni ta' servizz fil-komunita` a tenur ta' l-artikolu 11 tal-Kap 446.

In vista ta' dawn ir-raguniujiet, l-appellant ihoss illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tkun ferm aktar klementi mieghu, allavolja l-fedina penali tieghu bhala fatt hija dik li hi. Dan peress illi llum huwa persuna differenti, illi kellu jinghata cans iehor, sabiex ir-riforma tieghu tigi msahha.

F' dan l-istadju, l-appellanti jaghmel referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet ta' Il-Pulizija vs Charlot Aquilina, decciza mil-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-sebgha (7) ta' Novembru, tas-sena elfejn u tmienja (2008). Fis-sentenza precitata, il-Qorti sahqet fuq il-bzonn, illi persuna ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla. F' dan il-kaz, ghalkemm l-akkuzi kienu ta' natura serja, l-aktar peress illi l-akkuzat kien recidiv, il-Qorti sahqet illi l-imputat kellu jinghata cans iehor billi tigi mposta fuqu Ordni ta' Probation.

> *Ghal finijiet ta' piena il-Qorti kkunsidrat bir-reqqa kollha dovuta is-Social Inquiry Report esebit a fol. 104 et sequitur tal-process minn fejn jirrizulta li l-imputat kellu trobbija instabbli, li huwa kellu problema serja ta' abbuz mid-droga... u li huwa ilu ma jabbuza mid-droga b'mod kontinwu ghal dawn l-ahhar erba' snin... li tul dawn l-ahhar erba' snin*

*kienu qed isiru urine sample tests lill-imputat u dawn dejjem irrizultaw fin-negattiv... Il-Qorti wara li kkunsidrat dan kollu jidrilha li ghalkemm mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa inghata opportunitajiet ohra sabiex jirriforma ruhu fil-passat izda huwa xorta wahda rega' qabad it-triq il-hazina ghaliex kien ghadu jabbuza mid-droga, irrizulta wkoll li dawn l-incidenti jirrisalu ghal qabel is-sena 2003, u cioe' ghal qabel ma l-imputat beda u ttermina b'success il-programm residenzjali, u ghalhekk l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita' sabiex jirriforma ruhu u jaqbad definittivament it-triq it-tajba specjalment meta wiehed jikkunsidra li llum il-gurnata l-imputat oltre li ttermina b'success il-programm residenzjali ghandu xoghol stabbli u anki hajja familjari wkoll pjuttost stabbli.*

L-appellanti jaghmel referenza wkoll ghas-sentenza, Il-Pulizija vs Ritmar Hatherly u Justin Farrugia, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid- 9 ta' Ottubru, 2008, il-Qorti, filwaqt li ghamlet referenza ghal xi kazjijiet ohra qalet hekk:

*"Issa, ghalkemm huwa veru li qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a disposizzjoni taghha b'applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak li jkun, mill-banda l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat probation jew conditional discharge ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista', jew li m'ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata probation jew conditional discharge jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap. 446. F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza taghha tat-18 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. George Farrugia:** "Issa, huwa veru li l-appellat ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li*

*dina l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellat illum ghandu erbghin sena, u f'dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tas-snin disghin meta l-qrati applikaw fil-konfront tieghu sia l-Artikolu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152; il-bqija tal-kundanni, pero`, jinvolvu multi u habs…"Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbli" – fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita` assoluta – anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' Probation hu indikat biss ghal "first offenders" zghazagh. Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija"*

L-argumenti esposti fil-kaz hawn citat japplikaw ghal appell odjern, u dan in vista tal-fatt li ghandu jinghata piz ghal informazzjoni siewja u indispensabbli li l-epsonenti ta lil Pulizija fl-istajdu ta' l-investigazzjoni tieghu, liema nformazzjoni wasslet ghal investigazzjonijiet kontra persuni ohra, li l-Pulizija ma kienetx a kojizjoni taghhom.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi li bejn Jannar tal-elfejn u sitta (2006) u Marzu tal-istess sena l-appellant kien dahal go dar li tinsab San Pawl il-Bahar u minn hemmhekk seraq diversi bicciet tal-ghamara u pitturi sabiex dawn ibieghhom lil terzi. F'Marzu tal-elfejn u sitta (2006) l-appellant gie arrestat u interrogat mill-pulizija fejn informa lill-istess investigaturi dwar diversi serqiet illi huwa kien wettaq kif ukoll serqa ohra li dwarha ma kellux

x'jaqsam. Sussegwentement, l-appellant tressaq il-Qorti biex iwiegeb ghal akkuzi in konnessjoni ma' dawn is-serqiet u b'sentenza tat-tmintax (18) ta' Novembru tal-elfejn u ghaxra (2010) (fol 496), l-appellant instab hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u ntbaghat hames (5) snin habs effettivi.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell limitatament ghall-piena peress illi deherlu illi l-ammissjoni tal-involviment tieghu fis-serqiet inkwistjoni, sa mill-istadju tal-interrogazzjoni, kellha tigi mehuda in konsiderazzjoni mill-Qorti u taghti ukoll apprezzament ghall-aspett riformattiv illi kien qed juri l-appellant dan l-ahhar b'tali mod illi kellu jigi moghti opportunità ohra sabiex juri dan il-miljorament illi kien qieghed jaghmel fil-komportament tieghu. In sostenn ta' dan, l-appellant gab l-ispettur investigattiv Michael Mallia fejn dan ikkonferma illi wara sorveljazna li l-pulizija kienet qed taghmel fl-elfejn u sitta (2006), wasslu ghand l-appellant illi hadhom go garaxx fejn kien hemm diversi antikitajiet mohbija. L-appellant ikkopera mal-pulizija u qalilhom minn fejn gab l-ghamara u spjega fid-dettal u anki wassalhom u indika r-residenzi minn fejn gabhom. Il-koperazzjoni mal-pulizija kienet shiha tant illi ukoll indika serqa ohra li kien jaf biha li però ma kienx involut. Patteggjament ma kienx sar, ghad illi ikkonferma illi waqt l-interrogazzjoni l-appellant gab ruhu sew u dejjem ikkopera mal-pulizija.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti lesta li tikkoncedi illi huwa minnu illi hekk kif gie arrestat l-appellant ikkopera mal-pulizija u tahom l-informazzjoni kollha illi kellhom bzonn sabiex ir-refurtiva tigi ritornata lil sidha. Ghalhekk argumenta, anke bi skorta ta' diversi sentenzi, illi huwa kellu jinghata opportunità ohra sabiex ikompli fit-triq it-tajba u juri li verament kien irriforma ruhu.

Din il-Qorti però hija tal-fehma illi meta tara l-fedina penali refrettarja tal-appellant issib li l-appellant inghata diversi opportunitajiet minn din il-Qorti sabiex jirriforma ruhu izda, minn hawn jew minn hemm, dejjem sab ruhu lura fit-triq tal-kriminalità biex imbaghad jispicca l-Qorti u jerga' jitlob il-hniena. Ovvjament hemm limitu tal-pacenzja tal-Qorti li ma jistax ikun li tibqa' taghti opportunità wara ohra biex dak li jkun jirriforma ruhu u ma jaghmel xejn. Ghalhekk, meta l-Qorti tigi biex tikkonsidra l-piena ssib illi minkejja l-ammissjoni tieghu fl-istadju tal-investigazzjoni l-appellant ma ammettiex quddiem il-Qorti u l-kawza hadet it-tul normali taghha biex giet deciza finalment. Ghalhekk, zgur illi l-appellant ma jistax jibbenefika minn xi ammissjoni bikrija.

Il-Qorti rat ukoll il-fedina penali refrettarja tieghu fejn allura stante r-recediva u stante ukoll l-artikolu 289 tal-Kap. 9 il-piena inflitta fuqu ghandha tizdied bi grad jew tnejn. Dan ifisser illi l-anqas piena possibbli biz-zieda ta' grad wiehed huwa dak ta' hames (5) snin u dana minghajr konsiderazzjoni tal-akkuza dwar l-arma. Ghalhekk, l-ewwel Qorti tat piena karcerarja fil-minimu taghha u din il-Qorti ma tarax illi ghandha tiddisturba din id-diskrezzjoni.

Fil-fatt ghal dak li jirrigwarda l-piena l-principju regolatur huwa illi l-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti ghal dak li jirrigwarda l-piena meta l-piena inflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika illi setghet kienet differenti minn dik moghtija. Din il-Qorti jidhrilha illi l-piena inflitta fl-ewwel Qorti qieghda fil-parametri tal-ligi – kif già ghidna fil-minimu – u ma jidhrilhiex illi ghandha tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------